MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2013

Numru. 700/2008

**PULIZIJA**
**SPETTRU ANGELO GAFA`**

**VS**

**VICTOR SPITERI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Victor Spiteri, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 703237 (M).

**Akkuzat talli:**

F'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta` Mejju 2006 jew f'xi perjodu qabel, bil-hsieb li jaghmel qliegh b'qerq ghad-dannu ta`

CMA-CGM Agencies Worldwide (Malta) Limited f'ammont ta` flus li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

Kif ukoll fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta` bank privat, b'faslifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskritura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta` bank privat, falza;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghu, kien fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, u ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn dikjarazzjoni jew certifikat falz.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta` spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat il-provi prodotta u x-xhieda mressqa;

Wara li rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tal-14 ta` Lulju, 2008;

Wara li rat l-Artikoli 41 (1) (a), 308, 309, 310 (1) (a), 18, 183, 184, 185 (2) u 186 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsidrazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat huwa akkuzat talli fix-xahar ta` Mejju 2006 jew f'xi perjodu qabel, bil-hsieb li jaghmel qliegh b'qerq ghad-dannu ta` CMA-CGM Agencies Worldwide (Malta) Limited f'ammont ta ` flus li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta` bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt li ma sehhx minhabba xi haga incidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu. Dan ghamlu permess ta` falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta` bank privat u ghamel uzu minn dan l-att.

Illi l-kawza tal-Prosekuzzjoni kienet issupportata mis-segwenti xhieda:

1. Spettur Angelo Gafa`: Xehed illi, fuq rapport ta` certu John Portelli in rapprezentanza tal-Malta Freeport,

huwa kien indaga dwar allegazzjoni ta` approprjazzjoni indebita u frodi minn certu Ronald Galea li, fiz-zmien, kien General Manager tad-ditta CMA-CGM Agencies Worldwide (Malta) Ltd., li b'dawn il-flus minnu mehuda illegalment, kien xtara *pleasure boat* ghalih personali ghal liema frodi dan Ronald Galea kien gie processat u misjub hati.

Illi f'din l-investigazzjoni, l-investigaturi kellhom suspett dwar *invoice* wahda, datata 5 ta` Mejju 2006 mahruga mill-imputat Victor Spiteri, liema suspett kien jikkonsisti fil-fatt illi din kienet *invoice* mahruga minn Spiteri ghal-xoghol illi huwa ma kienx ghamel. L-*invoice* kien fl-ammont ta` hdax-il elf Lira Maltija u erba` mija u erbghin (LM11,440). Dan ikkonfermah l-istess Ronald Galea li qal illi r-rikovat ta` dawn il-flus kellu jinqasam b'partijiet ugwali bejnu u bejn Victor Spiteri. Illi, fil-fatt, Victor Spiteri ma kienx ghamel xoghol kif deskritt fuq dik l-*invoice* izda kien ghamel xoghol precedenti fuq l-istess vapur li ghalih kien irrilaxxa d-debita *invoice* u li ghalih kien imhallas precedentement. Ronald Galea jistqarr illi qatt ma ghaddielu sehemu lil Victor Spiteri izda li kien zamm il-flus kollha ghalih sabiex jixtri l-*pleasure boat*.

Illi huwa interroga lill-imputat fil-31 ta` Ottubru 2007 fejn dan innega dan kollu u stqarr illi x-xoghol indikat f'zewg *invoices* u cioe` dik tal-5 ta` Mejju 2006 fl-ammont ta` hdax-il elf Lira Maltija u erba` mija u erbghin (LM11,440) u invoice ohra tal-10 ta` April 2006 fl-ammont ta` dsatax-il elf Lira Maltin u hames mija (LM19,500) kollu kien sar minnu. Is-Sur Spiteri kien ghadu qieghed jistenna l-hlas tal-*invoice* tal-5 ta` Mejju, 2006 minghand CMA-CGM fl-ammont ta` hdax-il elf Lira Maltija u erba` mija u erbghin (LM11,440) stante li dawn ma kienux ghadhom hallsuh ghax kienu qed jistennew il-fondi mill-kumpanija ta` assikurazzjoni. Din il-versjoni fil-fatt, giet ikkonfermata "in parte" mill-kwerelanti izda li kien hemm kwistjonijiet fuq l-ewwel tlett *items* ta` din l-*invoice*.

Fuq mistoqsijiet tad-difiza, l-ispettur Gafa` ammetta li huwa ma kellimx lill-haddiema tal-imputat jew *sub-contractors* tieghu sabiex jara jekk ix-xoghol deskritt fit-tieni *invoice* fil-fatt sar. Lanqas ma tkellem ma` haddiema tal-kwerelant f'dan ir-rigward.

F'dan l-istadju, huwa ferm rilevanti li fis-seduta tal-15 ta` Marzu 2010 jinstab verbal f'atti tal-process iddettat mill-allura avukat difensur tal-imputat Dr. Jose` Herrera fejn irrileva li l-meritu ta` din il-kawza kien gie ezawrit stante ftehim bejn l-imputat u l-kwerelant, u, fil-fatt, kienet giet ipprezentata kopja ta` din l-iskrittura li qedgha a fol 55 et seq. F'din l-iskrittura, il-kwerelant qieghed jobbliga ruhu li jhallas lill-akkuzat l-ammont ta` tmin t'elef Lira Maltin (LM8,000) bhala parti hlas tal-*invoice* tal-5 ta` April, 2006. L-imputat, f'din l-iskrittura, qieghed jobbliga ruhu li jirtira l-kawzi civili li huwa kien ghamel kontra l-kumpanija kwerelanti ghal-rikuperu ta` din l-*invoice*.

Ill dan gie kkonfermat minn Dr. Giannella De Marco, l-avukat tal-kumpanija kwerelanti li permezz ta` verbal tad-29 ta` Marzu 2010, iddikjarat li ma fadalx pendenzi bejn il-parte civile u l-imputat u qedghin jirrinunzjaw ghal dawk l-akkuzi li huma rinunzjabbli.

2. Ronald Galea: Ix-xhieda ta` dan ix-xhud hija wahda estremament konfuza. Dwar it-tieni invoice dan ix-xhud jghid illi x-xoghol indikat f'din l-*invoice* u li sar *alongside* il-vapur in konnessjoni mal-hruq ta` zewg *containers* sar mid-ditta ta` Cassar Shipping u mhux mill-imputat. Izda, fl-istess nifs huwa jammetti li l-unika persuna li ghandu l-licenzja sabiex jaghmel xoghol *alongside* vapur huwa l-imputat u, kwindi, li kienet impossibilita` "aninitio" illi Cassar Shipping setghu jaghmlu dan ix-xoghol. Jammetti wkoll illi sar xi xoghol ta` tellar ta` kwantita` pajpijiet minn gol-bahar li kienu waqghu. Dan ix-xoghol kien sar mill-imputat u kien jifforma parti mix-xoghol li kien inkluz fit-tieni *invoice*. Huwa vag dwar jekk u kif ghadda lil Victor Spiteri l-allegat sehmu tal-flus.

Illi din il-Qorti baqghet impressjonata kif dan ix-xoghol kontinwament biddel il-verzjoni tieghu. Dan wara li grat it-traskrizzjoni tax-xhieda tieghu. Ukoll, jinsa hafna, ma jafx x'kien qieghed jigri u, "in toto", jaghti impressjoni ferm negattiva. Dan ix-xhud m'huwiex wisq kredibbli.

3. Romwald Attard: In raprezentanza tal-BOV li xehed li *cheque* tal-kwerelant gie ddepozitat f'kont ta` Sundream Ltd., mill-persuna bin-numru tal-karta tal-identita` 18346 (M) u c-*cheque* datat 21 ta` Lulju 2006 fl-ammont ta` hdax-il elf Lira Maltija u erba` mija (LM11,400);

4. John Portelli: In rapprezentanza tal-Freeport Terminal Ltd., ghan-nom tas-socjeta` CMA-GMA li kien ghamel rapport lill-Pulizija dwar l-attivitajiet tal-ex-Manager taghha Ronald Galea li esprima li meta sari r-rapport, il-kumpanija tieghu kellha d-dubbju li l-imputat ma kienx ghamel ix-xoghol kollu indikat fl-*invoice* tieghu. Dan is-suspett inqala` ghaliex *cheque* tal-CMA-CGM fl-ammont ta` hdax-il elf Lira Maltija u erba` mija (LM11,400) kien spicca ddepozitat fil-kont ta` Sundream Ltd. bhala *part payment* ta` *pleasure boat* mixtrija minn Ronald Galea.

Izda dan ix-xhud jammetti u dan qieghed jigi kwotat verbatum u dan dwar it-tieni *invoice*:
"Ahna li sibna kien illi kien hemm xi *item* jew tnejn bqajt bis-suspett pero ma stajtx napprova li kienx sar jew le mis-Sur Victor Spiteri ghaliex dan huwa 2006 u jien hadt *over* il-kariga fit-2007 – 2008".

Dan ix-xhud ikompli jghid illi, mid-dokumenti li sab "in situ" meta beda x-xoghol mill-Freeport kien *invoice* ta` dan l-istess xoghol li, allegatament, sar mill-imputat, mid-ditta Carmelo Caruana. Izda wkoll, johrog car mix-xhieda tieghu li d-ditta Carmelo Caruana huwa biss agent tas-

CMA-CGM, li huma operaturi ta` *warehouses* barra s-sit tal-Freeport. Ergo qatt ma setghu ghamlu x-xoghol *alongside* vapur stante li ma kienux hekk illicenzjati u ghaliex l-uniku *operator* li seta` jaghmel dan ix-xoghol kien il-Foreman tal-Yard, li huwa l-imputat odjern, permezz tal-haddiema tieghu;

5. Joseph Agius: Xhud li dak iz-zmien jien jahdem ghad-ditta Carmelo Caruana Freeport Operations bhala Operations Director. Huwa jixhed illi, minn fejn hu eleva x-xoghol, kien minn gewwa l-Yard ghall-Warehouse. Huwa zgur li ma setghax jaghmel ix-xoghol ta` trasbord mill-vapur ghal gol-Yard;

6. Mark Pace: Dak iz-zmien tal-allegat frodi kien wiehed minn zewg firmatarji tac-cekkijiet ghan-nom tal-CMA-CGM. Huwa kien iffirma inbjanc *cheque* ta` hdax-il elf Lira Maltija u erba` mija (LM11,400) lid-ditta Sundream Ltd. izda jikkonferma li s-socjeta` minnu raprezentata qatt ma kellha xoghol ma din il-kumpanija;

7. Nikol Chetcuti: In raprezentanza tad-ditta Macca Maritime gja Sundream Ltd. li kien ircieva *cheque* mahrug mill-CMA-CGM Agencies Worldwide Ltd. fl-ammont ta` hdax-il elf Lira Maltin u erba` mija (LM11,400) minghand Ronald Galea bhala *part payment* ta` xiri ta` *pleasure boat* Barasia 29 illi dan kien ordna minghandhom bil-prezz komplessiv ta` hamsin elf Lira Maltin (LM50,000);

8. Joseph Buhagiar: In raprezentanza tad-ditta H. Vassallo Ltd. Surveyors illi bl-esperjenza tieghu tul 20 sena f'dan ix-xoghol jixhed illi Victor Spiteri kien l-uniku *operator* li setgha jaghmel ix-xoghol ta` trasbord mill-vapur ghall-Yard. Jiddiskrivi l-kwalita` ta` xoghol ta` din il-kwalita` li sar dak in-nhar bhala kwantitattiv. Dan qed jghidu a bazi tad-dokumenti fil-pussess tieghu u li huwa esebit f'dan il-process;

9. Dr. Martin Bajada: li prezenta *set* ta` 705 immagini tax-xoghol li sar fuq il-*containers*;

In difiza jixhed l-imputat illi jinnega li huwa qatt kiser il-ligi jew li qatt accetta flus ghal-xoghol illi huwa qatt ma ghamel. Huwa qatt ma ircieva flus minghand Ronald Galea. Jikkonferma x-xhieda tal-Prosekuzzjoni fis-sens illi huwa l-uniku Foreman tal-Freeport u li kien huwa biss, tramite il-haddiema tieghu, illi setgha jaghmel xoghol ta` trasbord *alongside* mill-vapur ghall-Yard illi jinsab gewwa l-Freeport.

Inoltre jinforma l-Qorti li huwa kien beda proceduri civili kontra d-ditta kwerelanti ghall-hlas tal-import tal-*invoice* tieghu tal-5 ta` Mejju 2006 fl-ammont ta` hdax-il elf Lira Maltija u erba` mija u erbghin (LM11,440) u li, llum, il-meritu ta` din il-kawza civili pre ezawrit stante hlas ta` dan l-*invoice* mid-ditta kwerelanti li wkoll skuzaw ruhhom ghal kull inkonvenjent.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-Avukat Dr. Jose` Herrera li tinsab fl-atti kif ukoll dik tal-Prosekuzzjoni kif ukoll ir-repliki rispettivi.

Illi l-provi jitkellmu wahedhom. L-uniku xhud li seta` kien validu kien Ronald Galea li, hu nnifsu kien gie processat ghall-frodi u falsifikazzjoni ghad-deteriment tas-socjeta` CMA-CGM u li kien ammetta din l-akkuza. Huwa kien ikkomprometta lill-imputat fis-sens li huwa kien qal lill-awtoritajiet investigattivi li, bi ftehim, ma` Victor Spiteri, huwa kien hareg ghan-nom tal-istess Victor Spiteri, *invoice* ta` hdax-il elf Lira Maltija u erba` mija u erbghin (LM11,440) ta` xoghol, illi, fil-fatt ma kienx sar mill-imputat waqt li r-rikovat ta` din it-truffa kellha tinqasam f'zewg partijiet ugwali bejnu u bejn l-imputat. Infatti jirrizulta li:

1. Ronald Galea m'huwiex kredibbli bhala xhud. Jithawwad u jitfixkel fix-xhieda tieghu. Ma jiftakarx jew jghid haga b'ohra. Ma jiftakarx jekk ghaddiex sehmu lill-imputat. Dan ix-xhud ma jistghax jitqies bhala kredibbli.

2. Romwald Attard tal-BOV illi jixhed illi l-ammont kollu ta` hdax-il elf Lira Maltin u erba` mija (LM11,400) kien gie versat fil-kont tas-Sundream Ltd minn Ronald Galea. Kwindi, hawn hija l-prova li l-imputat qatt ma rcieva s-suppost sehem tieghu illi marret bhala *part payment* tal-Barasia 29 mixtrija minn Ronald Galea.

3. John Portelli li jammetti li ghagixxa biss fuq suspett stante li, fil-2006, ma kienx impjegat mis-socjeta` kwerelanti, suspett m'huwiex prova u, in prova ta` dan, jirrizulta oltre kull dubju, li s-socjeta` kwerelanti kellha thallas lill-imputat l-import tal-*invoice* tal-5 ta` Mejju 2006 u skuzat ruhha, bil-miktub, ta` kull inkonvenjent illi setghet ikkawzat lill-imputat.

Josph Agius u Joseph Buhagiar illi t-tnejn xehdu li l-imputat kien l-uniku persuna li kien licenzjat sabiex jaghmel xoghol *alongside* ta` trasbord mill-vapur sal-Yard u illi, jekk sar b'xoghol iehor anke in konnessjoni tal-istess vapur, dan seta` sar minn operaturi ohra izda mill-Yard l'hemm.

Mark Pace illi xehed illi, ghan-nom tas-CMA-CGM huwa ta` sikwit kien jiffirma *cheques* inbjanc u Nikol Chetcuti li jixhed illi wiehed minn dawn ic-*cheques* fl-ammont ta` hdax-il elf Lira Maltin u erba` mija (LM11,400) spicca ghandu bhala *part payment* ghall-*pleasure boat* ordnata specifikament minn Ronald Galea. Ergo, konferma tal-prova li Victor Spiteri qatt ma inghata s-suppost sehem tieghu tal-*invoice* allegatament falza tieghu liema *invoice*, fil-provi ta` dawn il-proceduri, spiccat tithallas mis-socjeta` kwerelanti.

Ghal dawn il-motivi ovvji u cioe`, din il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-akkuzi kollha addebitati mill-Prosekuzjoni.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------